

# LEJN TRASPORT AĦJAR FL-IBLIET
# INT X'TAĦSEB?

L-ibliet Ewropej, bħal ħafna bliet oħra madwar id-dinja, kif ukoll f'pajjiżna, huma milquta minn konġestjonijiet persistenti ta' traffiku li dejjem qed jiżdied u li qed iniġġeż l-arja u joħloq ħafna dewmien, biex ma nsemmux it-tħassib dwar is-sigurtà u l-perikli li jista' jġib miegħu.

Ċifri kkwotati mill-Kummissjoni Ewropea jindikaw li mal-€100 biljun qed jintilfu kull sena mill-ekonomiji Ewropej minħabba din is-sitwazzjoni. It-tniġġiż fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ u materji oħra mill-mezzi tat-trasport fit-toroq huwa sostanzjali ħafna u, kif nafu, joħloq problemi kemm ambjentali kif ukoll lis-saħħa pubblika. U għalkemm it-teknoloġija dejjem tavvanza, xorta jibqa' it-tħassib li iktar vetturi jistgħu jżidu wkoll il-periklu fit-toroq.

M'hemmx ħafna x'wieħed jgħid jekk mistoqsi kemm din is-sitwazzjoni hija sostenibbli għal tul ta' żmien. Kull min jiffaċja ħafna traffiku jista' jgħid mill-ewwel li hemm bżonn ta' numru ta' soluzzjonijiet li jgħinu l-ivvjaġġar minn post għall-ieħor sabiex ikun iktar mexxej.

Il-problemi m'humiex ikkonċentrati f'post wieħed, imma huma mferrxa madwar l-Ewropa kollha, u għalhekk l-Unjoni Ewropea qed tikkunsidra li jkollha rwol iktar importanti sabiex dawn l-isfidi jintlaqgħu u jmur tajjeb kulħadd. L-impenn jinvolvi wkoll li l-istrutturi preżenti – kemm ta' trasport kollettiv kif ukoll dak individwali – joperaw b'mod iktar effiċjenti flimkien. L-ispazju li naqsmu bejnietna jista' joffri opportunità biex it-titjib iħalli effetti iktar wiesgħa fil-ħajja ta' kuljum tagħna lkoll.

F'dan l-istadju il-Kummissjoni Ewropea nediet Green Paper fejn qiegħda ssemmi l-ħtieġa ta' pjanijiet għal trasport urban iktar sostenibbli u li jiggarantixxi kemm iċ-ċaqliq madwar l-ibliet kif ukoll protezzjoni ta' l-ambjent u livelli aħjar fil-kwalità tal-ħajja. Hemm diversi esperjenzi u studji li jistgħu jgħinu f'dan. U s'issa jidher li din hija l-istrateġija li tixtieq tieħu l-Kummissjoni – li tinkoraġixxi prattiċi aħjar u li dawn jitqassmu bejn l-imsieħba, tissuġerixxi standardi komuni għal kulħadd, ittejjeb il-liġijiet li jirregolaw it-trasport, toffri assistenza finanzjarja u tinkoraġixxi r-riċerka f'dan il-qasam.

Il-pass li jmiss, li qed jittieħed bħalissa, jinvolvi liċ-ċittadini, fejn kulħadd jista' jgħaddi l-kummenti tiegħu. F'qasam daqshekk integrali fil-ħajja ta' kuljum, wieħed ikun jista' jinnota u joffri s-suġġerimenti b'mod mill-aktar prattiku. X'għandu jsir – nibdew nimxu u nirkbu r-roti ħafna iktar milli nagħmlu llum? Innaqqsu l-użu tal-karozzi privati? Naħdmu u nixtru mid-dar? Dawn l-ideat u oħrajn jispuntaw mid-dokumenti. Imma hemm lok għal ħafna iktar.



***Minn Julian Micallef***
*Kordinatur tal-Konsultazzjoni*
*Forum Malta fl-Ewropa*

FORUM
MALTA FL-EWROPA

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: foruminfo@gov.mt*